**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors guramentat numru 90/2015**

**Paul Sammut u Victoria Sammut**

**vs**

**Mario Saliba**

**Illum, 21 t' April, 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti taw b'titolu ta' lokazzjoni l-fond konsistenti f'garage u yard fi Triq id-Durrumblat il-Mosta u dana bil-pattijiet u kondizzjonijiet viggenti kif pattwiti fl-iskrittura private lli saret bejn il-partijiet fl-24 ta' Marzu 2012 redatta minn l-Avukat Dr. Caroline Farrugia Dok A;

2. Illi fost il-kondizzjonijiet l-intimat kellu li din il-kera kellha tintemm nhar il-21 ta' Marzu 2015 u ghalhekk illum il-kirja intemmet;

3. Illi fil-fatt din id-data ghaddiet u l-esponenti ghadhom ma hadux lura l-pussess tal-fond;

4. Illi l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq tant li anke' hu ammetta li l-kirja ntemmet ara Dok B;

5. Illi ghalhekk kellha tigi intavolata din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u dan skond id-dikjarazzjoni mahlufa Dok C;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed, ghar-ragunijet fuq imsemmija, bil-qima jitolbu lil din l-Onorabbli Bord joghgbu, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza u dan inter alia ai termini tal-Kap 69 Art. 16A et seq;

2. Tiddikjara li t-terminu lokatizju koncess fil-ftehim ta' lokazzjoni datat 24 ta' Marzu 2011 ittermina u tordna l-izgumbrament tieghu fi zmien perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez l-rikorrent hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur fit-28 t'Ottubru 2015.

Ra il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2016, fejn il-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016, l-intimat ammetta t-talbiet tar-rikorrenti billi "dwar it-talba kif kontenuta fir-rikors, l-intimat qed jirrimetti ruhu". Illi l-intimat pero jghid li "l-garaxx mertu ta' dawn il-proceduri m'ghadux fil-pussess tieghu minhabba proceduri legali istitwiti mill-istess rikorrenti u minn certu Giuseppe Ghirlando".

Illi din il-kwalifika ma giet kontradetta bl-ebda mod mir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' tletin (30) jum mil-lum. Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur